

Paġna ewlenija>L-impatt tal-virus COVID-19 fuq il-qasam tal-ġustizzja>Impatt tal-COVID-19 fuq materji ċivili u ta' insolvenza

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [\[de\]](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

il-Ġermaniż

Swipe to change

Impatt tal-COVID-19 fuq materji ċivili u ta' insolvenza

Ġermanja

1 Impatt tal-Covid-19 fuq proċedimenti ċivili**1.1 It-termini fi proċedimenti ċivili**

Sal-lum, ma għiet adottata l-ebda miżura dwar it-termini preskrittivi tal-liġi ċivili; l-uniċi dispożizzjonijiet huma relatati ma' interruzzjonijiet fit-tul għal proċedimenti kriminali. Il-liġi Ġermaniża dwar il-proċedura ċivili fiha dispożizzjonijiet flessibbli dwar l-estensjoni tat-termini preskrittivi, is-sospensjoni tal-proċedimenti u *r-restitutio in integrum*, li jgħinu fil-każ ta' litigazzjoni matul il-kriżi tal-COVID-19.

Aktar informazzjoni dwar miżuri leġiżlattivi tista' tinstab fuq is-[sit web](#) tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.

1.2 L-organizzazzjoni ġudizzjarja u l-Ġudikatura

Id-dispożizzjonijiet statutorji għal proċedimenti ċivili diġà jipprovdu lill-qrati b'kamp ta' applikazzjoni wiesa' biex jirreaġixxu b'mod flessibbli għas-sitwazzjoni eċċezzjonali attwali. Huwa f'idejn il-qrati u l-imħallfin rilevanti li jiddeċiedu liema miżuri għandhom jieħdu fuq bażi ta' każ b'każ, pereż. proċedura bil-miktub, tneħħija tal-kumpilazzjoni ta' xhieda, jew il-kumpilazzjoni ta' xhieda permezz ta' vidjokonferenza. L-indipendenza ġudizzjarja baqgħet tinżamm.

1.3 Il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-UE

Kooperazzjoni fi kwistjonijiet tal-familja (Regolament (KE) Nru 2201/2003):

L-awtorità ċentrali hija kompletament operazzjonali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2201/2003. Ir-rikorsi jistgħu jiġu sottomessi f'forma stampata.

Kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment (Regolament (KE) Nru 4/2009):

L-awtorità ċentrali hija kompletament operazzjonali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 4/2009. Ir-rikorsi jistgħu jiġu sottomessi f'forma stampata.

Il-kumpilazzjoni ta' xhieda (ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001) u n-notifika ta' dokumenti (ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007):

Mhemm ebdha restrizzjoni fuq l-operat tal-ġudikatura. It-talbiet għan-notifika u l-kumpilazzjoni ta' xhieda huma eżegwiti.

2 Miżuri relatati mal-insolvenza adottati jew ipplanati li jiġu adottati fl-Istati Membri wara t-tifqigħa tal-pandemija**2.1 Miżuri sostantivi ta' insolvenza u kuntratti relatati li jaffettwaw il-miżura****2.1.1 Sospensjoni tal-insolvenza****2.1.1.1 Sospensjoni tad-dmir li wieħed japplika għall-insolvenza (debituri)**

Is-sospensjoni tal-obbligu ta' rikors għal insolvenza fil-każ ta' kumpanniji, soċjetajiet li fihom l-ebda soċju ma għandu responsabbiltà illimitata, u assoċazzjonijiet u fondazzjonijiet tneħħiet fl-1 ta' Mejju 2021. Madankollu, ċerti konsegwenzi legali tas-sospensjoni għandhom japplikaw, b'mod partikolari l-protezzjoni estiża kontra appelli skont it-Taqsima 2(1) Nri 2 sa 5 tal-Att dwar is-Sospensjoni tal-Insolvenza tal-COVID-19 fil-verżjoni attwali tiegħu (*COVID-19-Insolvenzaussetzungsgesetz* – COVInsAG).

2.1.1.2 Protezzjoni tad-debituri dwar applikazzjoni għall-insolvenza mill-kredituri

Il-limitazzjoni tad-dritt tal-kreditur li jippreżenta rikors għal insolvenza applikat biss sat-28 ta' Ġunju 2020. Mid-29 ta' Ġunju 2020, id-dritt għall-preżentazzjoni ta' rikors minn kreditur reġa' ddaħħal kompletament jekk il-kreditur ikollu interess legali fil-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza u juri li l-pretensjoni tiegħu u r-raġuni għall-ftuħ tal-proċedimenti huma kredibbli.

2.1.2 Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' talba u sospensjoni tat-terminazzjoni ta' kuntratt**2.1.2.1 Moratoria ġenerali / speċifiċi fuq l-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet / l-eżekuzzjoni ta' ċerta tipi ta' pretensjonijiet****2.1.2.2 Sospensjoni tat-terminazzjoni ta' kuntratt (kuntratti ġenerali / speċifiċi)****2.2 Ċivili, inkluż is-sospensjoni tal-qrati tal-insolvenza u s-sospensjonijiet proċedurali**

Sal-lum, ma hemm l-ebda miżura dwar it-termini preskrittivi fi proċedimenti ċivili. Mhemmx bżonn ta' miżuri speċifiċi minħabba li s-sitwazzjoni legali fil-Ġermanja tippermetti lill-imħallfin iwiegħbu b'mod xieraq għall-effetti tal-COVID-19 fuq il-proċedimenti tal-qorti li jkun għaddejjin.

2.3 Miżuri oħra ta' insolvenza (dawk relatati mal-azzjonijiet revokatorji, pjani ta' riorganizzazzjoni, ftehimiet informali u oħrajn jekk ikun xieraq)

Għad-durata tas-sospensjoni tal-obbligu ta' rikors għall-insolvenza, ir-riskji tar-responsabbiltà għall-manijers, il-kredituri u s-sħab kuntrattwali ta' kumpanniji insolventi ġew mitigati sabiex jiġi promoss il-forniment ta' kapital addizzjonali u l-kontinwazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali. ara t-Taqsima 2 tal-COVInsAG. Il-faċilitajiet individwali jibqgħu japplikaw, bħall-kjarifika li r-rimborż ta' self ġdid mogħti matul il-perjodu ta' sospensjoni se jkompli jitqies li ma jkunx ta' detriment għall-kredituri sat-30 ta' Settembru 2023 (it-Taqsima 2(1) Nru 2 COVInsAG). Il-pagamenti fuq pretensjonijiet li ġew differiti sat-28 ta' Frar 2021 kienu wkoll meqjusa sal-31 ta' Marzu 2022 bħala mhux detrimental għall-kredituri, sakemm il-proċedimenti ta' insolvenza ma jkunux infetħu qabel it-18 ta' Frar 2021 (it-Taqsima 2(1) Nru 5 COVInsAG). It-Taqsima 4 COVInsAG qassret il-perjodu ta' tbassir għat-test tad-dejn eċċessiv sal-31 ta' Diċembru 2021 u diversi forum ta' faċilitazzjoni tal-aċċess applikati matul l-istess perjodu għal proċeduri ta' "awtoamministrattivi" u "tarka" (ara t-Taqsimiet 5 u 6 COVInsAG).

2.4 Miżuri relatati mhux ta' insolvenza (differimenti tal-pagamenti, self mill-banek, sigurtà soċjali, assikurazzjoni tas-saħħa, sussidji lin-negozji)

L-obbligi ta' kreditu tal-konsumaturi fir-rigward ta' self lill-konsumaturi kienu – taħt ċerti kundizzjonijiet – differiti għal tliet xhur b'effett mill-1 ta' April 2020; din ir-regola skadiet fit-30 ta' Ġunju 2020.

L-iskadenzi skont il-liġi dwar il-kumpanniji għaż-żamma ta' laqgħat ġenerali ġew estiżi; id-dritt tal-azzjonisti jew tal-prokuri tagħhom jista' jiġi sospiż temporanjament mill-Bord Manijerjali (korporazzjonijiet b'ishma).

Il-konsumaturi u l-mikrointrapriżi li ma jistgħux jaġġmlu pagamenti bħala konsegwenza tal-kriżi ngħataw id-dritt li jirrifutaw li jwettqu "kuntratti essenzjali għat-tweqqig ta' obbligu kontinwu" (inkluż iżda mhux limitat għall-forniment ta' gass, ilma, enerġija u servizzi tat-telekomunikazzjoni), sakemm tali kuntratti jkun għew konklużi qabel it-8 ta' Marzu 2020. Din ir-regola skadiet fit-30 ta' Ġunju 2020.

L-aħħar aġġornament: 12/07/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni

Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.